**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 8 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 22/2018PA**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Josies Estates Limited bħala debitur prinċipali u Joseph Vassallo bħala garanti *in solidum***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-10 ta` Jannar 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li l-konvenuti għandhom iħallsu lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta` tlett elef, ħames mija, sbegħa u tletin Ewro u erbgħn ċenteżmu (€3,537.40ċ) in linea ta` prodotti għall-konsum lilhom mibjugħa u konsenjati, u li baqgħu inadempjenti minkejja li ġew inerpellati biex iħallsu. Is-soċjeta` attriċi talbet ukoll il-ħlas tal-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta` Diċembru 2017, u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra msemmija sal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuti, debitament notifikati bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentawx Risposta.

Ra li, fl-udjenza tat-18 ta` April 2018, deher Joseph Vassallo kemm f'ismu personali u anke in rappreżentanza tas-soċjeta` konvenuta li, minn jeddu, iddikjara li huma debituri tas-soċjeta` attriċi għall-ammont u l-kawżali indikati fl-Avviż tat-Talba, u li dawn għandhom bżonn żmien biex iħallsu.

Ra li, fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2018, deħret Dorothy Vassallo, mart Joseph Vassallo, li ddikjarat li hija wkoll direttriċi tas-soċjeta` konvenuta, u kkonfermat li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont, u għar-raġunijiet, indikati fl-Avviż, għalkemm ikkonfermat li s-soċjeta` konvenuta għandha bżonn żmien biex tħallas.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tas-somma ta` tlett elef, ħames mija, sbegħa u tletin Ewro u erbgħn ċenteżmu (€3,537.40ċ) tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta` probabiltajiet.

Jidhirlu madankollu li t-talba tagħha għall-ħlas tal-imgħax, u tal-ispejjeż tal-ittra interpellatorja ma ġietx pruvata, billi ma jirriżultax meta l-ammont mitlub sar dovut, u lanqas ġiet preżentata kopja tal-ittra interpellatorja msemmija.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum, iħallsuha s-somma ta` tlett elef, ħames mija, sbegħa u tletin Ewro u erbgħn ċenteżmu (€3,537.40ċ).

L-ispejjeż ta` din il-kawża jitħallsu mill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**